MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 12/2008

**Hal Mann Vella Limited (C 28088)**
**Vs**
**Rudolph Azzopardi**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta’ attrici nhar l-10 ta’ Jannar 2008 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hamest elef u sitta w ghoxrin Ewro w disgha w sebghin centezmu (€5026.79) ekwivalenti ghal elfejn, mija, w tmienja w hamsin lira Maltin (LM2,158) rapprezentanti prezz ta’ *resin bianco paloma* u tqeghid ta’ l-istess, servizzi ta’ *hole cutting*, tarag tar-*resin APSR, skirting* u *heads* tar-*resin* u tqeghid ta’ l-istess u servizzi ta’ *metre edges* debitament mibjugha u rezi u/jew konsenjati lill-konvenut fuq rikjesta tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ipprezentata a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficcjali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Rudolph Azzopardi pprezentata nhar it-8 t'April 2008, fejn eccepixxa s-segwenti:-
1. "*Illi l-azzjoni tas-socjet'a rikorrenti kif proposta hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa esagerat.*
*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi*."

Illi nhar it-8 ta' Mejju 2008 xehed **Raymond Mallia**, salesman mas-socjeta' attrici. Spjega li fis-sena 2005 kien mar fuqu l-konvenut u talbu sabiex imur ghandu sabiex jiehu xi kejl tat-turgien li hu ghandu fir-residenza f'M'Xlokk. Qal li l-istima li nharget mis-socjeta' attrici fis-sena 2006. Sussegwentement, f'April 2006 huma bdew jaghmlu x-xoghol ordnat mill-konvenut u hu (x-xhud) kien talab lill-istess konvenut sabiex jaghmel pagament, izda dan ma riedx ghaliex xtaq li l-ewwel jittrangaw l-affarijiet ta' bejniethom. Jghid li kienu wkoll hadu l-kejl sabiex jaghmlulu kcina, w din giet installata ghand il-konvenut f'April 2006. Huwa kien rega' talab il-hlas, izda l-konvenut kien qallu li kien ghad fadal xi pendenzi, w kien lest li jhallas kollox fl-ahhar. Jghid li l-ahhar ordni li kien ghamel il-konvenut kienet ghal zewg *fire places* bil-*cladding* ta' madwarhom. Jghid li f'Gunju 2006 cempillu w talbu sabiex ihallas il-pendenzi w dan qallu li kien hallas xi haga. Mallia pero' jikkonferma li l-konvenut lilu qatt ma tah xejn. Huwa esebixxa tliet stimi, dik tal-*fireplace*, dik tat-turgien u dik tal-kcina, li gew immarkati bhala Dok. CSH 1, CSH2, u CSH3. Stqarr pero' li l-konvenut ghandu maghhom biss kont wiehed miftuh. Mistoqsi jekk ghandhomx xi persuna bl-isem Chris tahdem maghhom jghid li ma jafx li hemm, ghalkemm id-*delivery man*, li mhux impjegat taghhom, jismu Chris.

Illi nhar it-12 ta' Marzu 2009 xehed in kontro-ezami u kkonferma hafna minn dak li kien qal il-konvenut u cioe' is-segwenti:-
1. Veru li kien baghat lil xi hadd jiehu l-kejl tal-konvenut.
2. Veru li huwa ma mar qatt ghand il-konvenut.

3. Veru li l-konvenut kien ghamel erba' ordnijiet, izda li s-socjeta' attrici harget biss zewg invoices.

Jghid pero' li huwa qatt ma rcieva hlas dwar l-invoices minnu esebiti, ghalkemm jghid li kien ircieva hlas minghand il-konvenut dwar xoghol li kien sar qabel. Rigward l-invoices esebiti w immarkati bhala Dok CSH 1 u CSH 2 jghid li hemm il-firma tieghu biss fuq id-dokument CSH 1, filwaqt li fuq id-dokument CSH 2 m'hemmx il-firma tieghu. Jghid pero' li l-invoice li tinsab a fol. 32 tal-atti tikkoncerna t-tarag li sar bejn l-ewwel sular u l-bejt, u li din hija mhallsa. Jghid li l-konvenut ghamel zewg pagamenti, wiehed ta' LM1,230 u iehor ta' LM350. Jghid li fil-fatt il-konvenut hallas total ta' LM1,850. Jghid li huwa kien kiteb fuq l-inovice li kien ircevihom, u fil-fatt esebixxa kopja ta' dak li kien kiteb. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok Z. Ikkonferma li dan l-ammont thallas cash. Jichad li l-konvenut kien tah ammont ta' flus cash dwar l-invoice a fol. 31 u fil-fatt baqghalu jhallas lis-socjeta' dwar il-pendenza ghat-tarag li gie installat bejn il-basement u l-ewwel sular.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha hija esebiet kopja tal-ittra ufficcjali prezentata minnha stess kontra l-konvenut, liema ittra giet debitament notifikata lill-konvenut.

**Mark Vella**, Direttur tas-socjeta' attrici xehed nhar it-8 ta' Mejju 2008 u kkonferma li x-xoghol li kien gie ordnat mill-konvenut effettivament gie konsenjat lilu, w dan jafu ghaliex kien mar hu stess fil-residenza tal-konvenut f'M'Xlokk sabiex jara x-xoghol b'ghajnejh. Jikkonferma pero' li s-socjeta' attrici ghadha ma thallsitx ghal dan ix-xoghol.

Il-konvenut **Rudolph Azzopardi** xehed nhar l-21 ta' Ottubru 2008 u kkonferma li fl-ahhar tas-sena 2005 huwa kien verament mar ghand Hal Mann flimkien mad-*designer* tieghu u ma' martu sabiex jaraw xi rham ghat-tarag, sabiex jitpogga fit-tarag li hemm bejn il-*ground floor* u l-*first floor*. Qal li dakinhar id-*designer* ghazel l-irham u huwa kien ftiehem mas-salesman li huwa kellu jerga' jmur

sabiex jinghata *quotation*. Jghid li s-salesman kien certu Ray Mallia. Qal li l-*quotation* hija datata 29 ta' Novembru izda giet mghotija lilu fl-1 ta' Dicembru, w dakinhar kien hallielu depositu ta' tlett mija w hamsin lira Maltin (LM350).

Spjega li l-istima kienet ghas-somma ta' LM1,864 ghat-tarag kollu, w dan Mallia tah skont u ftiehmu fuq l-ammont ta' LM1,580. Dak il-hin Mallia qallu li kellu jhallas is-somma ta' elf mitejn u tlettin Lira Maltin (LM 1,230) sa mhux aktar tard mill-5 ta' Dicembru ghalkemm ix-xoghol kienu ser ituhulu sitt xhur wara. Spjega illi huwa kien ser jizzewweg fit-3 ta' Dicembru w ghalhekk mar ihallsu lejliet, u dan ghaliex kien qallu li aktar ma jdum sabiex jaghmel il-hlas aktar idumu sabiex jibdew jahdmu fuq l-ordni tieghu. Qal li dakinhar, jigifieri fit-2 ta' Dicembru 2005, huwa kien ghamel hlas fl-ammont ta' LM1230 ghalkemm qatt ma nghata ricevuta tal-flus li kien hallas. Jghid pero' li Mallia kien iffirmalu l-invoice fuq quddiem li kien ircieva l-flus. Jghid li s-Sur Mallia qatt ma mar ghandu w sa Jannar 2006 l-ebda rapprezentant tas-socjeta' attrici ma mar ghandu jiehu xi kejl.

In segwitu' f'April 2006 is-socjeta' attrici kienet baghtet lil certu Ganni li effettivament kellu jkun hu li jwahhal it-tarag. Dan qallu li t-tarag li xtaq kien jinvolvi hafna xoghol u ghalhekk ma setax jibda qabel tliet gimghat minn dakinhar. Ikkonferma li wara xi xahar dan Ganni mar bit-tarag. Qal li kien marlu fil-ghodu w ghalhekk kien fetahlu l-bieb u halla lil missier il-mara tieghu mieghu ghaliex dan kien jifhem aktar minnu. Di fatti l-kunjatu kien cempillu w talbu sabiex jasal wasla sad-dar ghaliex fil-fehma tieghu ix-xoghol ma kienx qed isir tajjeb. Huwa mar fuq il-post u nnota li l-iskaluni ma kienux ta' l-istess daqs. Huwa cempel lil Ganni, dan beda jidghi u l-ghada filghodu mar gabar l-ghodda u telaq 'l hemm. Jghid li effettivament kull ma lahaq ghamel dan Ganni kien li wahhal hames skaluni. Huwa cempel lil Mallia u dan deher sorpriz hafna w qallu li kien ser jibghat lil xi hadd jara x-xoghol u nzerta mar ragel bl-isem ta' Nikol. Dan Nikol qabel mieghu u qallu li kien bzonn li x-xoghol li lahaq twahhal jinqala' w jitpogga mill-gdid.

Jghid li din ma kinitx l-unika ordni tieghu ghaliex kellu ordni ohra dwar it-tarag u cioe' mill-basement ghall-ground floor, mill-ewwel sular ghal bejt, il-wicc tal-kcina w il-kisi tal-fire places bl-irham. Jghid li din it-tieni stima kellha tkun fl-ammont ta' LM2,050. Qal li din l-ordni kien ghamilha wkoll mas-Sur Mallia fuq it-telefon, ghaliex kien ra l-materjal qabel meta kien mar originarjament ghand Hal Mann. Qal li dwar it-tieni ordni s-socjeta' attrici baghtet lil xi hadd iehor u x-xoghol gie tajjeb. Ikkonferma li sakemm kien twahhal it-tarag huwa kien ghadu ma hallasx lis-socjeta' attrici.

Jghid li llum il-gurnata huwa ghandu problema mas-socjeta' attrici fir-rigward tax-xoghol li sar fit-tarag mill-ground floor sa l-ewwel sular. Spjega li ghandu xi tbajja' fuq it-tarag u meta cempel lis-Sur Mallia dan qallu li kien ser jibghat xi rapprezentant sabiex jara l-ilment tieghu. Qal li dan Mark mar ma' Nikol u sakemm marru l-wicc tal-irham tal-kcina lahaq inqasam ukoll. Mark qabel mieghu li kien hemm it-tbajja' w qallu quddiem martu w il-genituri taghha li kien ser jibghat lil xi hadd biex jirrangah. Qallu li kien zmien il-kacca w allura kellu jistenna sakemm din il-persuna tirritorna lura ghax-xoghol.

In segwitu' jghid li huwa mar ihallas lis-Sur Mallia w tah is-somma ta' LM1450 dwar it-tieni quotation, ghaliex l-ewwel quotation kienet diga' giet imhallsa, w qal li kien ghad fadallu bilanc ta' circa sitt mitt Lira Maltin (LM600) u kien lest li jhallsu l-bilanc una volta jnehhulu t-tbajja' li kien hemm. Jghid li ricevuta qatt ma nghata ta' l-ebda pagament li ghamel. Huwa jichad li ghandu jaghti aktar. Huwa esebixxa kopja taz-zewg ordnijiet li kien ghamel. Jispjega li kemm fuq l-ewwel invoice datata 29 ta' Novembru 2005 w anke fuq it-tieni invoice datata 4 ta' Jannar 2006 hemm il-firma ta' Ray Mallia. Jikkonferma li s-somma ta' LM 1450 ghaddiha lil Ray Mallia f'April 2006. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok. CSH1 u CSH 2. Jghid li l-flus tahom lil Mallia fis-*showroom* tas-socjeta' attrici. Fit-tieni okkazjoni kien wahdu meta hallas lil Mallia w fl-ewwel okkazjoni kienet

marret il-mara mieghu. Jghid li Mallia dejjem insista mieghu li kellu jhallsu qabel ma x-xoghol jigi konsenjat.

In kontro-ezami nhar l-10 ta' Jannar 2011 l-konvenut jghid li l-kitba bl-iswed skur fuq id-dokument a fol. 31 hi tieghu, ghalkemm il-firma fil-parti t'isfel mhix tieghu. Jghid li l-firma tieghu hija dik murija a fol. 32. Ikkonferma li huwa kien lest li jhallas il-bilanc dovut minnu lis-socjeta' attrici una volta jitnehhewlu t-tbajja' w il-grif li kien hemm fuq it-tarag bejn il-ground floor u l-ewwel sular. Jghid li l-bilanc dovut huwa fl-ammont ta' Lm600. Qal ukoll li s-socjeta' attrici kienet lesta li tbiddillu l-wicc tal-bank tal-kcina, ghalkemm ghadu ma tbiddilx. Huwa jichad li l-ammont mitlub fir-rikors promotur huwa dovut. Jghid li s-socjeta' attrici qatt ma tatu ricevuta ghal hlasijiet li ghamel.

Rat in-nota tal-konvenutypprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Mejju 2010 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit ta' martu Lorraine Azzopardi. **Lorraine Azzopardi** kkonfermat li ghall-ahhar tas-sena 2005 hi flimkien ma' zewgha Rudolph marru flimkien mad-*designer* taghhom ghand Hal Mann sabiex jaraw irham ghat-tarag u kienu ftiehmu mas-salesman Mallia li kellhom jergghu imorru sabiex itihom stima fuq dak li ghazlu. Tghid li effettivament Mallia tahom din l-istima li tammonta ghal LM1,864 ghat-tarag kollu, ghalkemm imbaghad tahom skont u ghalhekk is-somma finali kellha tkun LM1,580. Fl-1 ta' Dicembru 2005 kienet marret ma' zewgha sabiex ihallsu d-deposit, u fil-fatt kienu hallsu l-ammont ta' LM350. Fuq l-istess quotation is-Sur Mallia kitbilhom li kien ghad fadlilhom bilanc ta' LM1,230 xi jhallsu. Tghid li zewgha hallas dan il-bilanc ta' LM1,230 qabel ma kienu siefru, w dan kien nhar it-2 ta' Dicembru 2005.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn, mija w tmienja w hamsin Lira Maltin (LM2,158) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dwar konsenja ta' materjal u twahhil ta' rham ta' tarag mill-basement sa l-

ewwel sular. Fl-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut l-ewwel jghid li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16, u fit-tieni lok jghid li l-ammont mitlub kien esagerat.

Dwar l-ewwel eccezzjoni jirrizulta li l-ahhar merkanzija li giet konsenjata lill-konvenut kien fil-25 ta' April 2006 skond id-dokument esebit fl-atti a fol. 13 Dok. CSH 1 u li skond ix-xhieda tal-konvenuti, li ma gietx kontestata x-xoghol ta' twahhil sar ftit wara. Illi jirrizulta wkoll mill-atti li fl-20 t'Ottubru 2007, is-socjeta' attrici pprezentat ittra ufficcjali kontra l-konvenut, liema ittra giet notifikata lilu nhar id-29 t'Ottubru 2007 (fol. 17) u l-kawza odjerna giet intavolata fl-10 ta' Jannar 2008.

Illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija dik naxxenti mill-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

"**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:
(*b*) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew ħwejjeg oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut; "

Ili bir-rispett kollu mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-artikolu tal-Ligi citat mill-konvenut huwa applikabbli ghal dan il-kaz, u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li effettivament il-merkanzija li giet mibjugha w konsenjata mis-socjeta' lill-konvenut giet mibjugha bl-imnut. Anzi semmai jirrizulta l-oppost u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol u tiddiksuti ulterjorment din l-eccezzjoni. Jinghad ukoll li ma tistax tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni w fl-istess hin tinghata l-eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa esagerat ghaliex jew l-azzjoni hija preskritta jew l-ammont huwa dovut u possibilment f'ammont izghar.

Dwar l-eccezzjoni fil-mertu w cioe' li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa esagerat, jinghad li jispetta lill-konvenut jipprova li effettivament huwa ghamel xi pagament. M'hemmx dubbju li f'din il-kawza hemm konflitt bejn dak li qed tghid is-socjeta' attrici, li tghid li l-

ammont dovut huwa dak imsemmi fir-rikors promotur u l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut, li jghid li huwa ghamel diversi pagamenti w is-socjeta' attrici ma tatux ricevuta w ghalhekk l-ammont mitlub huwa esagerat. Kif tajjeb inghad fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 t'Ottubru 2003 fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak "***Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' w specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta w ikollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appelli nhar is-17 ta' Marzu 2003 inghad li "*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

*Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur.”*

Illi f’dan il-kaz is-socjeta’ attrici qed tallega li l-konvenut ma hallasx dak kollu minnu mitlub u fil-fatt il-konvenut jaqbel ma’ din l-asserzjoni, izda jghid li l-ammont li ghad fadal bilanc huwa ferm inqas minn dak mitlub ghaliex jghid li effettivament kien zamm is-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (LM600) u dan sabiex is-socjeta’ attrici tkun kostretta tirrangalu t-tbajja’ li huwa allegatament ghandu fit-tarag w in oltre sabiex tibdillu l-irhama tal-kcina.  Jghid pero’ li apparti din is-somma l-kumplament huwa hallsu.

Dwar il-piz tal-prova jinghad, b’referenza ghas-sentenza deciza nhar it-13 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet **Nancy Caruana vs Odette Camilleri** jinghad li :- “*Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti.*

*Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

Issa hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol**.<u>XL1X p11 p 776</u>**). Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**<u>Vol.XXXV11 p1 p 525</u>**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV p 111 p 604; <u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>**, Appell ,28 ta' Jannar 2000).

Naturalment is-socjeta' attrici li tallega d-debitu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa' jimpera l-principju 'actor non probante reus absolvitur'.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **<u>Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe</u>** **"**Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li jista' jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhix dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti.*"*

M'hemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq is-socjeta' attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hi qed tallega d-debitu w kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet **<u>Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri</u>** u konfermat fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imh Ph. Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **<u>Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace</u>** **'***F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor reus in excipiendo fit actor, ghax jerga'*

*jinghad,* *l-oneru centrali tal-akkuza jiqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

Minkejja li l-principju generali huwa li l-attur ghandu jipprova l-fatti allegati minnu, meta l-konvenut jallega fatti ohra sabiex jiddefendi ruhu u dawn huma kontestati mill-attur, il-piz tal-prova jinqaleb fuq il-konvenut.

Illi ghalhekk in sintezi jinghad dwar il-piz ta' prova, w dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-simijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras li:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li verament is-socjeta' attrici ikkonsenjat il-mercja ordnata mill-konvenut, ghax dan il-fatt mhux kontestat, u li verament gie esegwit l-appalt ukoll, ghaliex in effetti t-tarag twahhal. Il-konvenut qed jghid li x-xoghol ma sarx sewwa w ghalhekk zamm parti mill-prezz, pero' fl-ebda hin fl-eccezzjonijiet tieghu ma ghamel referenza ghal *actio rhedibitoria* jew *aestimatoria* u ghamel referenza ghal xoghol hazin biss fix-xhieda tieghu. Il-konvenut ma ha l-ebda passi civili sabiex jikkwantifika dak li fil-fehma tieghu kellu jzomm bhala parti mill-prezz. Dwar il-kumplament, il-konvenut jghid biss li hallas. Jghid li s-socjeta' attrici ma tatux ricevuta. Il-Qorti ssibha difficli hafna taccetta kif persuna taghmel pagament wiehed wara l-iehor u ma titlobx ricevuta, meta gja kellha l-problemi mal-istess socjeta' fuq it-tip ta' xoghol li sar minnhom. Il-konvenut lanqas ma ressaaq xi persuna sabiex jikkorrobora l-fatt li l-hlas sar minnu. Il-Qorti hija rinfaccjata biss bil-versjoni tieghu *sic et simplicite* li hallas u dik tas-socjeta' attrici li tghid li hija baghtet l-invoice u ma rceviet l-ebda hlas.

**Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova l-kreditu tieghu ghas-sodisfazzjoni**

**tal-Qorti, w ghalhekk qieghda, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef u sitta w ghoxrin Ewro w disgha u sebghin centezmu (€5026.79) ekwivalenti ghal elfejn mija w tmienja w hamsin Lira Maltin (LM2,158). Bl-imghax mid-data ta' meta l-ittra ufficcjali giet notifikata lill-konvenut, u cioe' mill-20 ta' Novembru 2007.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------